**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 589 / 2018**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Douglas Briffa, Ahmad Yassine**

**<u>Illum 5 ta' Settembru, 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati, **Douglas Briffa** u **Ahmad Yassine** detenuri tal-karta tal-identita Maltija **48981M** u **241807L**, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a) ikkommettew serq minn ġewwa l-fabbrika MCL Ltd., Triq Hal- Tarxien, Żejtun, ta' diversi affarijiet (gugarelli) għad-detriment ta' MCL Ltd. u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra, liema somma tammonta għal elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq hu aggravat bil- mezz, lok, valur, u bil-hin u dan bi ksur tal-artikoli 261, 266, 367, 269(c), u 270 tal- Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) U aktar talli laqgħa għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

ċ) Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti Kriminali (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D nhar is-27 ta' Settembru 2017, f'dan illi jkun ġewwa il-fond 2, kwartier San Nikola, Bormla, bejn it-20.00hrs u t-08.00hrs u dan kontra l-limitazzjonijiet imposti f'dan id-digriet, bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-21 ta' Novembru, 2022, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputati Douglas Briffa u Ahmad Yassine hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u konsegwentement illiberathom minn kull osservanza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-19 ta' Dicembru, 2022, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha thassar u tirrevoka s- sentenza appellata u minnflok issib liż-żewġ appellati hatja u tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**L-Aggravji:**

Illi fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) il-Kummisarju tal-Pulizija ntavola nota li kien bi ħsiebu jappella mis-sentenza fl-ismijiet premessi u sussegwentement fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru, l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u hassu aggravat b'tali sentenza in kwantu l-konsiderazzjonijiet u l-apprezzament tal-provi tal-Qorti tal-Maġistrati.

Illi l-Qorti qalet illi *l-unika prova li tista' tinkolpa lill-imputat Ahmad Yassine hija l-fatt illi nstab barra l-fabbrika tad-derubati fil-11 ta' Settembru 2018 u li gie mizmum min-nies li kienu jahdmu hemmhekk. Illi pero' ma giex ippruvat in-ness bejn il-karrozza misjuba bil-pupi u l-istess imputat u dan ghaliex hadd minn Transport Malta ma ttella' sabiex jixhed fuq din il-vettura. Il-Qorti trid tippuntualizza hawnhekk illi dan qed jinghad minkejja dak li ntqal mill-istess Yassine fl-istqarrija tieghu li dwarha din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni għaliex ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni.*

Illi l-Qorti kompliet *Illi b'zieda ghal dak li diga' nghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-unici indizzji li forsi setghu jwasslu ghall-imputati odjerni huma xi impronta digitali u l-identifikazzjoni ta' dawk il-marki taz-zraben misjuba fejn allegatament dahlu l-malviventi. Dawn il-provi setghu jkunu inekwivoci sabiex l-imputati setghu jkunu identifikati b'mod xjentifiku izda ghal xi raguni ma jidhrix li ttiehdu dawn l-impronti u l-anqas gew esebiti xi rizultanzi jekk dawn ittiehdu.*

*Illi dan iwassal sabiex din il-Qorti tista' tikkonkludi wkoll illi provi indizzjarji fil-konfront ta' Douglas Briffa m'hemmx ukoll u dan ghaliex l-unika prova li hemm hu ritratt mehud minn certu Antius Vella ta' persuna miexja b'kaxxa f'idu li dan il-persuna ma giex identifikat mix-xhud u wisq angas ma gietx identifikata d-data ta' meta ttiehed dan ir-ritratt.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax ikollha s-serhan tal-mohh li fl-ewwel lok Douglas Briffa kien fil-post de quo fid-dati msemmija fl-akkuza u l-anqas ma tista' jkollha s-serhan tal-mohh fuq l- involviment ta' Ahmad Yassine u dan galadarba l-prosekuzzjoni naqset illi ggib il-provi kollha a dispozizzjoni taghha.*

Illi fir-rigward tal-istqarrijiet li ttieħdu lill-appellati fl-2018 jingħad li t-tnejn li huma ingħataw id-drittijiet vigenti dak iż-żmien fejn l-appellat Douglas Briffa kien għażel li jitkellem mal-avukat tal-għażla tiegħu qabel irrilaxxa l-imsemmija stqarrija filwaqt li Yassine Ahmad kien irrifjuta dan l-istess dritt. Illi mill-atti jirriżulta li fil-każ ta' tnejn li huma ma kienitx l-ewwel darba li tressqu l-Qorti u wisq anqas li kienet l-ewwel darba li ġew mitkellma mill-pulizija u għalhekk ma jistgħux jitqiesu li kienu f'xi sitwazzjoni vulnerabbli jew li ma kienux qed jifhmu s-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha meta kienu qed jiġi nvestigati mill-pulizija b'relazzjoni mal-każ odjern. Illi s-sentenza appellata hija nieqsa minn kwalunkwe tip ta' kunsiderazzjoni f'dan ir-rigward fejn il-Qorti għażlet li ma tiehux konjizzjoni tal-imsemmija stqarrijiet peress li ma ngħatawx id-dritt li jkollhom l-avukat preżenti waqthom fejn qalet is-segwenti *Il-Qorti trid tippuntualizza hawnhekk illi dan qed jinghad minkejja dak li ntqal mill-istess Yassine fl-istqarrija tieghu li dwarha din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni għaliex ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti waqt l- interrogazzjoni.* Illi l-Qorti ddecidiet li ma tieħux konjizzjoni tal-istqarrijiet mingħajr ma daħlet fil-kriterji li huma ormai stabbiliti minn ġurisprudenza riċenti senjatament Buez vs Belgium u Farrugia vs Malta. Illi mill-atti ma jirriżultax li l-istqarrijiet ttieħdu b'xi pressjoni u/jew vjolazzjoni oħra, l-appellati ngħataw d-debita twissija tad-dritt tas-silenzju kif ukoll ngħataw d-dritt li jkunu assistiti qabel it-tehid tagħhom. Illi di piu ma hemm l-ebda u ma saret l-ebda referenza fis-sentenza appellata ta' xi dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li jrendi tali stqarrijiet inammissibbli.

Illi ħarsa lejn il-provi li jinsabu fl-atti naraw li fix-xiehda ta' **Luke Satariano**, fil-vesti tieghu ta' CEO u wiehed mis-sidien tal-fabbrika, senjatament f'pagna 24, b'referenza għal ritratt li saret referenza għalih mid-difiża stess, gharaf lil Douglas Briffa b'kaxxa f'idejh, u dan kuntrarjament għal dak li qalet il-Qorti fis-sentenza appellata fejn skonta l-appellat Douglas Briffa hadd ma għarfu. Illi dan ix-xhud inka lil Douglas Briffa bhala dak tax-*xellug* fejn ftit qabel fir-rigward ta' Yassine Ahmad indikah bhala dak tal-lemin.

Illi x-xhud **Christopher Meilaq**, fil-vesti tieghu ta' Business Unit Manager, senjatament f'paġna 33 jikkonferma li meta ċemplulu li kienu daħlu xi nies fil-fabbrika fejn irnexxilhom iżommu wieħed minnhom il-ħin kien xi l-għaxra ta' filgħaxija b'dana li jekk għall-ewwel Qorti ma kinitx stramba kif l-imputat kien jinsab il-fabbrika f'dak il-ħin tal- ġurnata, l-esponent iħoss li anke hawnhekk kienet prova cirkostanzjali fil-konfront tal- imputat Yassine Ahmad, irrispettivament għal dak li ntqal fl-istqarrija tiegħu.

Illi jekk il-Qorti kellha xi dubbju jekk l-imputat Yassine Ahmad kienx ġewwa l-fabbrika jew le mingħajr permess, peress li ma kienx impjegat hemmhekk, ix-xhud **Mary Grace Curmi** xehdet li dak in-nhar tal-11 ta' Settembru, 2018, rat lill-imputat ħiereg minn ġewwa l-fabbrika waqt li kienet fil-canteen tistenna biex tibda ix-xift tagħha ta' bil-lejl, fejn ikkonfermat li l-ħin kien xi l-għaxra ta' filgħaxija, u meta ġiet mistoqsija min hu, indikat *dak tal-glekk griz, ghax ma nafx x'jismu*. Illi fuq din ir-risposta l-Qorti stess vverbalizzat li x-xhud kienet qed tipponta għall-appellat Ahmad Yassine. Illi meta ġiet mistoqsija għaliex ħasset il-bżonn li tgħajjat għall-għajnuna spjegat li *ghax rajtu hiereg mhux, l-ewwel nies ma jahdimx maghna, rajtu gharaftu li ma jahdimx maghna.... One, u two, rajtu hiereg bil-kaxxa.*

Illi l-esponent jinsab kemmxejn perpless kif il-Qorti ma għamlet l-ebda referenza għal din ix-xiehda li tikkonferma li fil-11 ta' Settembru tal-2018, Yassine Ahmad kien

ġewwa l-fabbrika fejn deher hiereg b'kaxxa f'idejh, liema kaxxa ftit hin wara nstabet barra ħdejn il-grada lesta biex titgħabba. Illi l-esponent jinsisti li għalkemm il-Qorti għażlet li tiskarta l-istqarrijiet xorta waħda kien hemm biżżejjed provi fil-konfront tal-appellat Yassine Ahmad biex issibu ħati talli nhar il-11 ta' Settembru tal-2018, daħal ġewwa l-fabbrika biex jisraq.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2023.

**Ikkunsidrat**.

Ili dan hu appell intavolat mill-Avukat Generali fejn fil-fehma tieghu l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti meta giet biex tanalizzhom u tililbera lill-appellati. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din l-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs William Mifsud** [1]fejn saret referenza ghas-segwenti: -

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal:-

---

[1] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-29 ta' Settembru, 2020

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace,** 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[3]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u sa fejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta'

---

necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lope**z u r**-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[3] U dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u sa fejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellat ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċioe' l-Law of Evidence.

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib,** 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' lta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa,** 16 ta' Ottubru 03; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs** Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino,** 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo,** 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace,** 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

L-**artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali** jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[5] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne,**:[6]

> *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom

---

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. **Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.**[7]

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[8] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

[7] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti
[8] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Fil-każ Ingliż **Majid**, [9] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

In oltre fil-ktieb taghhom **The Modern Law on Evidence,** Adrian Keane u Paul McKeown8 jgħidu s-segwenti:

> *- In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty*

Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ

[9] Ibid.

dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċioe' jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond illigi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija talpersuna akkuzata.*
>
> *L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha*[10]

In oltre u aktar reċentement fis-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-onvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac--certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[11]

Illi l-Liġi tavda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

[10] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[11] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tavda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal- Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kinetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-

Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-appellant Avukat Generali tisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħatx leġittimament u raġonevolment tillibera lill-appellati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra taghhom peress illi l-verżjoni tal-prosekuzzjoni tal-fatti li seħħew kienu ferm aktar kredibbli minn dawk tal-imputati. B'hekk jgħid li kellhom jinstabu hatja tal-akkuzi. Jigi mfakkar li l-Qorti tal-Maġistrati kellha l-opportunita', a differenza ta' din il-Qorti, illi tara u tisma' lil parte civile tixhed quddiemha. B'hekk kienet f'posizzjoni ferm aħjar minn din il-Qorti biex tapprezza dik ix-xiehda u tagħrbilha mill-lenti tal-kriterja tal-kredibbilita tax-xiehda imsemmija fil-Liġi Maltija. Dik il-Qorti setgħet tanalizza mhux biss il-verżjonijiet rilaxxati minnhom iżda anki l-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Din il-Qorti ghalhekk sejra fl-ewwel lok tanalizza l-provi prodotti u fejn hemm bzonn tghamel referenza ghal dak li intqal mix-xhud *ex ufficcio.*

**Luke Satariano** xehed nhar l-24 ta' Settembru, 2018 u stqar li kienu cemplulu l-Pulizija ghall-habta tal-10:30p.m u qalulu li kienu qabdu wiehed mill-akkuzati u cioe' lil Ahmed Yassine . Jghid li kienu dahlu gewwa l-post tax-xoghol fejn jahdem. Qalulu ukoll li l-akkuzat l-iehor li rnexxielu jahrab. Qal li huwa jahdem fil-kariga ta' CEO fil-post mgharuf bl-isem ta' MCL Component Limited f'Bulebel Industrial Estate. Qal li din il-persuna qaltilhom min kienet il-persuna l-ohra u huma kellhom ritratti tieghu li ittiehdu jumejn qabel. Qal li kienu nsterqu xi prodotti minn fuq il-post tax-xoghol.

Spjega li fuq perijod ta' tlett gimghat kien qed ikollha serq. Qal li jumejn qabel kienu hadu ritratti ta' bniedem jahrab bil-karozza bil-prodotti taghhom u dan kien l-akkuzat tax-xellug u cioe' Yassine Ahmed u huma ghaddew ir-ritratti lill-Pulizija. Fil-vettura kien hemm prodotti ta' erbat ijiem u cioe' mit-8 sal-11 ta' Settembru 2018. Dawn kienu finished prodocts tal-playmobile. Dawn jghidulhom blister packs jigifieri ikunu gja

ppakjati bil-plastic u wiehed jista' jara l-prodott li jkun hemm go fih li jkun lest biex imur fil-hanut. Il-valur *per se* taghhom huwa ta' €500. Apparti dan sabu ukoll *raw material* nieqes li jikkonsisti fi plastic u l-valur ta' dan hu bejn €12,000 u €15,000. Qal li huwa kien ittawwal fil-vettura u ra prodotti ta' dawk l-erbat ijiem li gja semma.

Ix-xhud pprezenta zewg *print outs* ta' ritratti li gew mmarkati bhala Dok LS1 u LS2 u dawn gew mehuda fid-9 ta Setttembru, 2019. Dawn gew mehuda minn Andrei Zerafa. Fil-karozza kien hemm madwar sitt mitt pakkett imqattghin miftuha u l-prodott ittiehet minn go fihom. Huwa pprezenta ukoll ritratt iehor li gie mmarkat bhala dok LS 3 tal-akkuzat.

Ix-xhud rega' xehed nhar l-24 ta' Settembru, 2018 li pprezenta ritratti ohra li gew mmarkati bhala Dok LS 4, LS 5, LS 6 u LS 7. Rega' ikkonferma li fuq il-post ra biss lill-akkuzat Ahmd Yassine. Gie infurmat li l-persuna l-ohra kienet gja harbet. Dan qallu li mieghu kellu lil Douglas Briffa u jekk icemplulu jgibilhom l-affarijiet. Huwa dak il-hin urieh ir-ritratt li kellu ta' Douglas Briffa u kkonferma li kien hu u li kien gja telaq. Huwa esebixxa r-ritratt ta' dan Briffa li jinsab a fol. 49 u tlett ritratti ohra ta' ksur li kien hemm fil-vettura u ta' xi twieqi.

Ix-xhud rega xehed nhar it-23 ta Gunju 2020 u mistoqsi jkun aktar preciz dwar il-valur tal-pupi li gew misruqa jghid li jkun kwazi impossibli li jkun jaf il-volum kollu li gie misruq. Qal li huma ma bieghux lill-pubbliku izda lis-socjeta' Playmobil. Jghid li forsi l-valur ikun madwar €50 il-kaxxa. Jigifieri jekk is-serqa kienet tikkonsisti f'zewg kaxxi l-valur hu dak ta' €100. Qal li huma jihhandiljaw miljun pupu fil-gimgha u ghalhekk huwa impossibli li jghati valur bi precisjoni. Insterqu kemm pupi kif ukoll artikolu tal-pupi bhal per ezempju xabla u/jew helmet, torch etc.

**Christopher Meilaq** xehed nhar l-24 ta' Settemru, 2018 fil-kapacita' tieghu ta' Business Unit Manager fis-socjeta' MCL Ltd. Jghid li dakinhar ircieva telefonata waqt li kien id-dar u qalulu li kienu dahlulhom xi nies fil-post tax-xoghol u li kienu qabdu wiehed minnhom. Mar fuq il-post u ra li kien hemm persuna li kienet qed tigi mizmuma b'idejha miftuha hdejn il-bieb tal-fabbrika. Kienu qalulu li kienu zewg min-nies li kienu dahlu fil-fabbrika izda li kienu qabdu wiehed minnhom. Fuq il-post meta mar ra li kien hemm l-akkuzat Ahmed Yassin. Dan kien il-11 ta Settembru, 2018 ghall-habta

tal-10:30p.m. Jghid li apparti l-akkuzat ra li kien hemm sitt kaxxi bi prodotti taghhom barra fejn l-gate lesti biex iqabzuhom l-gate. Sabu t-tieqa ta' wara miftuha. Ra li kien hemm passi mal-hajt. Waslu l-Pulizija u hadu xi ritratti u ghamlu l-inagini taghhom. Il-pulizija sabu lill-akkuzat Ahmed Yassin u karozza b'xi affarijiet go fiha. Fil-karozza sabu fil-presenza tieghu xi pupi u covers tal-plastic. Dawn kienu ta' jum iehor mhux ta' dak il-jum.

**Marygrace Curmi** xehdet nhar l-24 ta' Settembru, 2018 u tghid li nhar il-11 ta' Settembru 2018 kient qed tiehu café fil-canteen tal-fabbrika ta' MCL bil-lejl ghall-habta tal-10:00p.m ghax kienet xoghol night shift u rat lill-akkuzat Ahmed Yassin hiereg mill-fabbrika. Tghid li ma kintix taf min kien. Ghajtet ghall-imghallem u ghall-pulizija. Taf li maghhom ma' kienx jahdem. Dakinhar tghid ex admisses "*rajtu hiereg, rajtu hiereg…jigri mill-fabbrika*[12] "Tghid li bdiet tghajjat ghall-ghajnuna ghaliex hasset kien hemm il-bzonn. Qalet li kien hiereg bil-kaxxa mill-fabbrika. Wara li cemplu lill-pulizija u lill-imghallem taghha Luke Satariano u dahlet tkompli bix-xoghol taghha.

Spjegat il-fabbrika taghha ghandha zewg sulari u tghid li l-malvivent dahal mis-sular ta' isfel u ratu hiereg min naha ta' fuq fejn proprju tahdem hi. Tghid il ratu hiereg minn naha taghhom meta kienet qed tiehu café' fil-canteen u peress li fin-naha t'isfel hemm hafna bibien tassumi li dahal minn hemm.

**Julian Gabriel Bodiano** xehed nhar l-24 ta' Settembru 2018 u spjega li nhar il-11 ta' Settembru 2018 waqt li kien xoghol sema mara tghajjat u ghalhekk huwa flimkien ma kollegi tieghu hargu barra l-fabbrika biex jaraw x'kien gara u ra lil Ahmed Yassine barra l-fabbrika ta' MCL Components Ltd. u gera biex jaqbdu. Jghid li rah barra l-fabbrika u zammu sakemm gew il-Pulizija. Mistoqsi jekk rax xi hadd iehor mieghu jghid li le lilu biss ra. Dak il-hin ma ra xejn f'idejn l-akkuzat.

**PS 825 Teddy Busuttil** xehed nhar il-5 ta' Novembru 2018 jghid li nhar il-11 ta' Settembru 2018 ghall-habta tal-10.30p.m ircieva telefonata li kien hemm xi persuni li qeghdin jinzammu taht arrest civili. Huwa informa lil RIU dwar dan ghaliex kien fuq bicca xoghol ohra biex imorru fuq il-post li gie indikat lilu. Wara xi ghaxar minuti gie

[12] Fol. 38 ta' l-atti

infurmat li din il-persuna ittiehdet l-ghassa tal-pulizja taz-Zejtun. Mar l-Ghassa taz-Zejtun u sab il-persuna bl-isem Ahmed u qallu li kien taht arrest. Muri ir-ritratt a fol. 49 tal-process u jghid li r-ritratt juri l-persuna ta' Ahmed Yassine. Lilu qalulu li kien hemm zewg persuni nvoluti izda rnexxielhom jaqbdu wiehed biss minnhom.

**Andrei Zerafa** xehed nhar il-5 ta' Novembru 2018 fil-kapacita' tieghu ta' Manager ta' MCL Components Ltd. u jghid li jumejn qabel ma' gara l-kaz kienu baghtulu ritratti li kien hemm xi persuni li kienu dahlu gewwa. Huwa ghalhekk kien cempel l-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun u talabhom sabiex informa lil min kien dahal ghandu biex ma jergax jidhol u dan qallhom li una volta ituhom ismu jkollhom jiehdu passi bil-Qorti. Ghalhekk ghadda r-ritratti li kellu lil Luke Satariano. Fuq ir-ritratti deher li kien hemm zewg persuni u r-ritratti jghid li rcevihom minghand wiehed li jismu Anintius Vella li jahdem fid-dipartiment tal-Logistics tal-MCL Components Ltd. Muri r-ritratt a fol. 29 jghid li dan kien wiehed mir-ritratti li nghata minn Antninius Vella.

PC 104 Carol Cefai xehed nhar l-10 ta' Dicembru 2018 u jghid li fil-11 ta Settembru 2018 kiendetiled bhala ufier distrettwali. Kienu fuq bicca xoghol u ftit wara l-10.30p.m gew infurmati mill-control room li kien ghadu kif sehh citizen arrest ghax kienu qabdu persuna jiehu xi affarijiet minn go fabbrika. Dak il-hin ma setghux imorru fuq il-post u talbu l-assitenza tal-RIU. Izda kif spiccaw minn dak li kienu qed jghamlu marru l-ghassa tal-pulizija raw lil akkuzat Ahmed Yassine hiereg mill-karozza libes glekk griz.

Wara jaf li kellu jmur fuq il-post sabiex jinzamm access u ftit il-boghod mill-fabbrika kien hemm vettura tal-ghamla Tata ta' lewn ahdar li kienet startjat. Flimkien ma' Ahmed Yassine ghamlu tfittxija f'din il-vettura u fiha kien hemm tipi differenti ta' pupi, bicciet ta' pupi tal-plastic u karti bil-lot number. Ftit wara gew ukoll tal-forensika fuq il-post.

**Anantius Vella** xehed nhar l-10 ta' Dicembru, 2018 jikkonferma li kien ha r-ritratt esebita a fol. 29 ta' l-atti meta kien hdejn l-istore u ra xi nies hergin bl-affarijiet u ma kienx normali ghalih u ghalhekk gibed ir-ritratt u ghaddieh lis-superjuri tieghu. Mistoqsi jgharafx il-persuna jghid li le ghaliex fix-xoghol tieghu fil-logistics jiltaqa' ma hafna nies. Jghid li kien sema li kien hemm xi kazijiet fejn raw lin-nies iduru l-ekwati ra li din kienet xi haga stramba u ghahekk gibed ir-ritratt f'kaz li jinqala xi haga.

Ix-xhud rega xehed nhar l-1 ta' Lulju 2019 u kkonferma dak li kien qal fis-seduta precedent. Muri Dok RA4 jghid li dawk huma l-parts minn tal-Playmobil li ghad iridu jigu assembled. Spjega li s-socjeta' minnu rappresentanza ukoll tiehu hsieb xoghol ta' recycling fis-sens li jiggeneraw plastic ta' kulur differenti u ma jintrema xejn.

**WPC 41 Elaine Rizzo** tghid li nhar il-11 ta' Settembru 2018 giet infurmata mill-Ghassa tal-pulizija taz-Zejtun sabiex tirraporta gewwa rsidenza ta Douglas Briffa u cioe numru 2 Kwartier San Nicola, Bormla u hemmhekk sabu lil omm Douglas, certu Mary Briffa u din qaltilhom li binha kien ilu li hareg minn nofsinhar u ma kienx irritorna lura.

**WPS 369 Stephanie Cassar** xehed nhar l-20 ta' Mejju 2019 u tghid li nhar il-11 ta' Settembru 2018 ghall-habta tal-11.30 p.m giet infurmata minn Spettur Roderic Attard sabiex taghmel dak ix-xoghol kollu konness max-xena tar-reat. Hija accediet fuq il-post ghall-habta ta' 11.45p.m. Prezenti kien hemm PS 1042 u PC 1405 kif ukoll Luke Satariano flimkien ma' Ahmed Yassine. Dan kien indikalhom li biswit il-fabbrika ta' MCL Ltd. gewwa Tarxien Road, Zejtun biswit il-fabbrika Multipackaging fejn allegatament insterqu xi oggetti kien hemm xi kartun ta' lewn kannella wara bieb tal-hadid kif ukoll marki taht it-tieqa. Giet ukoll indikata vettura bin-numru ta' regitrazzjoni KBE 241 fejn kien hemm pupi tal-Playmobil kif ukoll kaxxa ta' lewn kannella bil-kliem Birds Age Brown gewwa l-istess vettura. Hija gibdet ghoxrin ritratt li gew individwalment dokumentati fil-faxxi kollu li esebiet u gie mmarkat bhala dok SC1. Hija gharfet lil Ahmed Yassine fl-awla bhala wiehed mill-akkuzati.

**PS 1042 Aaron Caruana** xehed nhar l-20 ta' Mejju 2019 xehed nhar l-20 ta' Mejju 2019 u qal li fil-11 ta' Settembru, 2018 ghall-habta tal-10.30p.m gie nfurmat mill-control room li kien hemm zewgt persuni maskili li kienu dahlu fil-fabbrika MCL f'Bulebel u li wiehed minnhom kien gie mizmum mill-haddiema stess. Ghalhekk flimkien ma' PC 1405 marru fuq il-post immedjatament fejn gie nnutat li l-akkuzat Ahmed Yassine kien mizmum. Huma kellmu lil dan Yassine wara li tawh id-drittijiet tieghu u dan qallhom li kien ghaddej minn hdejn il-fabbriki bil-mixi u waqfuh in-nies u zammewh u ma kienx jaf ghalfejn zamewh. Il-Pulizija ma kinitx sodisfatta bit-twegiba u rega' gie mistoqsi x'kien qed jghamel hemm. Dan qal li kien gie avvicinat minn Douglas Briffa

sabeix iwaslu Bulebel sabeix jiehu xi affarijiet. Zied ighid li kien gabar lil Douglas Briffa minn gewwa Bormla u ma kien jaf xejn fuqu hlief li jiffirma gewwa l-ghassa ta' Bormla.

Meta ccekjaw mill-ghassa ta' Bormla irrizulta li Douglas Briffa jiffirma gewwa l-ghassa u li suppost ikun gewwa fit-8.00 p.m u ma johrogx qabel it-8.00a.m. Ghalhekk intbaghtu biex ihabbtu mar-residenza ta' Douglas. Huwa flimkien ma' PC 1405 fil-presenza ta' Ahmed Yassine ghamlu tfittxija fil-vettura li kien qed jghamel uzu minnha Yassine u li kienet ipparkjata faccata tal-istess fabbrika fejn gewwa l-bagoll ta' wara irrizulta li kien hemm diversi pupi tal-Playmobil u bicciet taht l-istepney tal-karozza imferxin fil-bagoll ukoll gewwa l-istess vettura wara s-seats kien hemm hafna bicciet ta' karti u ta' pupi jigru mal-karozza kollha. Ghalhekk gie nfurmat l-Ispettur Roderick Attard fejn ta struzzjonijiet sabiex jinzamm arrestat u kif ukoll jigu imsejha l-Pulizija tal-forensika fuq il-post.

Minn stharrig li sar fuq il-post irrizulta ukoll li war l-ewwel gate kien hemm tieqa miftuha fejn kien hemm xi footprints that liema tieqa fejn dahlu minn hemmhekk u serqu diversi kaxxi tal-pupi tal-playmobil. Mistoqsi lis-sid tal-fabbrika x'valur kellhom dawn, dan qal li l-hames kaxxi kellhom valur ta' mitt euro izda peress li l-pupi kienu ghadhom ha johorgu fis-suq aktar 'l quddiem il-pupi jkollhom valur ghola.

Ghalhekk huwa ittiehed gewwa l-*lock up* sabiex isir aktar stharrig u gie nfurmat li Douglas Briffa ma setax jinstab.

**PC 1405 Dylan Gerada** xehed nhar l-20 ta' Mejju 2019 u jghid li nhar 11 ta' Settembru, 2018 ghall-habta tal-10.30 ircieva telefonata meta kien ma' PS 1042 mill-Control Room li gewwa l-fabbrika ta' MCL Ltd. gewwa Bulebel li qeda vicin il-fabbrika Multi Packaging kien hemm xi persuni li kienu qed izommu persuna arrestata bis-citizen arrest. Ghalhekk flimkien marru fuq il-post u hemmekk sabu lill-akkuzat Ahmed Yassine bil-glekk griz li kien mizmum. Tawh id-dirittijiet u wara dan qalilhom li kien fil-kumpanija ta' Douglas Briffa meta dahal fl-MCL Ltd. li kien l-ko-akkzuat. Jghidli Yassine qallu li kien gie mitlub minn dan Briffa biex jakkompanjah bil-karozza tieghu tal-ghamla Tata numru ta' registrazzjoni KBE 241. Meta ghamel hekk Douglas hareg mill-karozza ta Yassine u dahal gewwa l-fabbrika MCL. Fi ftit hin wara ra il Briffa johrog jigri 'l barra waqt li hu gie mizmum minn xi nies. Talbu lil Yassine sabiex issir

search fil-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni KBE 241 u fiha kien hemm hafna pupi tal-Playmobil. Muri r-ritratti fid-dok SC1 jikkonferma li huwa l-post fejn sehh ir-reat u hemm ritratt tal-garaxxijiet minn fejn gew misruqa dawn il-pupi. Qal li x'aktarx il-malviventi dahlu minn dik it-tieqa fejn kien hemm hafna passi. Ikkonferma li l-okkorrenza esebita fl-atti a fol. 142 giet redatta minnu. Dan Douglas Briffa ighix fil-fond Vlock 4, Door 15, Flat 2, Triq l Inkurunazzjoni, Bormla skond il-bail book taghhom.

**Spettur Roderick Attard** xehed nhar l-1 ta' Lulju 2019 u qal li kien gie infurmat minn PS 10432 Aaron Caruana li kien hemm persuna li inqabdet fil-fatt tisraq mill-fabbrika MCL Components li tinsab gewwa Bulebel iz-Zejtun. Din il-persuna kienet Ahmed Yassine u kien ordni li din il-persuna tigi arrestat. Dan mill-ewwel tkellem dwar il-persuna li kient akkompanjatu u cioe' Douglas Briffa. Dan Ahmed Yassine gie arrestat u ta struzzjonijiet ukoll sabiex dan Douglas jigi ukoll arrestat u rrilaxja stqarrija. Dan qallu li gja kellu xi kaz ghaddej fuq serq ta' pupi u li fil-passat kien jahdem mal-Gold Car. Mistoqsi jekk kienx Bulebel lejliet u cioe' nahr il-11 ta' Settembru 2018 jghid illi ma kienx xi gimgha qabel ghal-habta tas-6.00p.m jew is-6.15 p.m. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Ahmed Yassine jghid li kien jafu bl-isem ta' Amadeo u li kien ilu jafu tlett xhur jew erbgha. Din l-istqarrija giet mmarkata bhala Dok RA1. Qal li qabel ma ittiehdet din l-istqarrija s-sur Briffa kien ikkomunika mal-avuakt tieghu permezz tat-telefon kif kien fil-fehma tieghu d-dritt tas-suspettat. Jghid ukoll li Yassine rrilaxja stqarrija nhar it-12 ta' Settembru 2018 izda dan kien irrifjuta li ikellem avukat ta' fiducja tiehu u anke li jkollu Avukat prezeti ghall-interogazzjoni. Dan qallu li jahdem bhala chef f'restaurant Point de Vue ir-Rabat. Staqsih dwar l-arrest tieghu lejliet u dan qallu li kien ircieva telefonata minghand Douglas Briffa fejn gie mitlub sabiex jakkompanjah Bulebel. Qallu li kien mar mieghu pparkja l-vettura li kien qed jghamel uzu minnha li hija tal-ghamla Tata Indica numru ta' registrazzjoni KBE 241. Qallu li kien ilu jaf lil Douglas xi tlieta jew erbgha xhur. Din il-vettura instabet vicin l-fabbrika MCL Components u meta gie mistqosi jekk jafx x'tipproduci din il-fabrika jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk kintix l-ewwel darba li mar Bulebel stqarr li kien ghadda minn hemm xi erbgha darbiet, darba minnhom seba' snin qabel. Din l-istqarrija giet mmarkata bhala dok RA2 u r-rifjut tal-assistenza legali gie mmarkat bhala dok RA3. Huwa esebixxa ukoll

l-vettura tal-ghamla Tata Indica bin-numru KBE 241 flimkien ma' numru ta' pupi li gew mmarkati bhala Dok RA4.

Nhar id-19 ta' Settembru 2019 esebixxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront ta' Douglas Briffa nhar it-13 ta' Novembru 2019 u li giet mmarkata bhala Dok RA1. Esebixxa ukoll sentenza ohra moghtija fil-konfront ta' Ahmed Yassine ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-3 ta Ottubru 2018 u din giet mmarkata bhala Dok RA2. Dawn huma it-tnejn veri kopji li gabar mill-arkivji.

Nhar l-14 ta' Settembru 2020 x-xhud pprezenta vera kopja ta' sentenza moghtija fil-konfront ta' Douglas Briffa li gharaf prezenti fl-awla liema sentenza inghatat nhar is-7 ta' Dicembru 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u din giet mmarkata bhala Dok RAX.

**PS 1434 Mario Mercieca** xehed nhar l-1 ta' Lulju 2019 u jghid li nhar it-20 ta' Settembru 2018 ghall-habta ta' 3.45 p.m inghata truzzjoni mill-Ispettur Roderick Attard sabiex jingabru xi affarijiet li kien hemm gewwa l-vettura KBE 241. Dan kien fir-rigward ta' serq li sar minn Douglas Briffa u Ahmed Yassine. Minn din il-vettura eleva zewg mirjiet, tlett fanali, tank imkisser u parts tal-pupi tal-Playmobil. Fuq in-naha tal-passiggier ta' quddiem kien hemm it-tieqa miftuha fejn kien hemm ukoll hafna plastic tal-Playmobil. Dawn l-oggetti li gabar minn din il-vettura taghhom lill-Ispettur Roderick Attard. Iktar tard din il-vettura giet towed lejn il-garaxx tal-Pulizija ta' St Andrews. Dok RA 4 huma il-pupi li gew elevati minnha.

Rat li nhar il-21 ta' Ottubru 2020 gew moqrija l-artikoli u l-akkuzati iddikajraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigu gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali.

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2021 l-akkzuat Douglas Briffa talab li titella tixhed l-ufficjal tal-Probabtion Sharlet Fabri u din xehdet nhar il-25 ta' Ottubru 2021. Din stqarret li kienet qed issegwi lill-akkuzat Douglas Briffa fuq Ordni ta' Supervizjoni mahruga minn Qorti ohra u kienet ilha issegwih ghal dik l-ahhar sena. Tghid li zamm kuntatt maghha ghalkemm gieli falla xi appuntamenti. Ittiehdu hafna kampjuni tal-

awrina li kollha taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Tispjega illi ricentamenet kellu tarbija u fil-fatt ghandu zewgt itfal ohra u jghamel sforz biex izomm kuntatt maghhom. Minn naha taghha il-*feedback* kien wiehed posittiv. Tghid li fil-fatt kienet ilha tafu u rat kambjament kbir fih. Tghid li kien hemm zmien meta kien tilef il-kuntatt ma' ommu u ma' hutu pero kien irnexxielu jerga jistabilixxi kuntatt. Qalet li jahdem izda mhux b'mod regolarizzat. Qalet li minn naha tal-vizzju deher li kien ghamel progress. Qalet li f'dak iz-zmien li xehdet l-akkuzat Briffa kien fil-komunita' u kien sejjer tajjeb.

**Ikkunsidrat**.

Issa, l-artikolu 658 tal-Kap. 9 jipprovdi: "Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha …." (sottolinear ta' din il-Qorti). Barra minn hekk l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: "*Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra.*"[13]

Konsegwentement, x'setghu qalu l-ko-imputati Briifa u Yassine fl-istqarrijiet rispettivi taghhom lill-Pulizija ma jistax ikun ta' pregudizzju ghall-appellati. Illi dwar ix-xhieda taz-zewg imputati huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li dak li jghid ko-akkuzat ma jista' la jibbenefika u lanqas jippregudika ko-akkuzat iehor[14]. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha opportunita' ticcara d-differenza bejn ix-xhieda ta' komplici u x-xhieda ta' ko-akkuzat anke' b'referenza ghal diversi sentenzi ohra mghotija mill-Qrati taghna. Dik il-Qorti qalet hekk:

> *ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) … tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-*

[13] Vide f'dan ir-rigward Il-Pulizija vs Ommisses 27 ta Lulju 2007 deciz minn din il-Qorti diversament preseduta
[14] Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et Appell Kriminali deciz 07.04.1992.

*komplici, ... r-regola l-ohra (hi) li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-koakkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz*[15].

Illi konformament ma' dawn il-principji din il-Qorti tista' tqies dak li jghid kull wiehed mill-imputati bhala prova fil-konfront tieghu biss u mhux fil-konfront tal-imputat l-iehor ukoll. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tiskarta dak kollu li Ahmed Yassine seta qal fil-konfront tal-akkzuat Briffa u dan Briffa ghandu jigi gudikat fuq provi ohra li resqet l-prosekuzzjoni lil hinn u indipendetement minn dak li qal Ahmed Yassine dwaru.

Din il-Qorti ghalhekk sejra tifli l-provi fl-ewwel lok fir-rigward tal-akkuzat Ahmed Yassine u dan biex tara jekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienx *safe and satisfactory.* L-ewwel Qorti lliberat lill-Ahmed Yassine ghaliex tghid li l-prosekuzzjoni ma pprovatx sal-grad rikjest mill-ligi l-involviment tieghu f'din is-serqa. In fatti tghid li:-

*'l-unika prova li tista tiskolpa lill-imputat Ahmed Yassine hija il-fatt li instab barra il-fabbrika tad-derubati fil-11 ta' Settembru 2018u li gie mizmum min nies li kienu jahdmu hemmhekk. Illi pero ma giex pruvat in-ness bejn il-karozza misjuba bil-pupi u l-istess imputat u dan ghaliex hadd minn Transport Malta ma ittella sebix jixhed fuq dinil-vettura. Il-Qorti trid tippuntwaizzza hawnhekk ili dan qed jinghad minkejja dak li intqal mill-istess Yassine flistqarriaj teighu li dwarha dinil-qorti mhiex ser tiehu konjizzjoni ghaliex ma inghtax id-dritt li jkollu Avuakt prezenti waql l-interogazzjoni."*

Illi l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu tistqarr li l-ewwel Qorti kienet skoretta meta illiberat lill-akkuzat Ahmed Yassine u dan ghaliex hemm hafna provi li

[15] Ref Il-Pulizija vs Jeremy Farrugia sentenza datata 23 ta' Mejju 2001

jorbtu lill-akkuzat mar-reati moghtija lilu. Illi l-Avukat Generali tghid li l-ewwel Qorti naqset meta iddecidiet li ma tiehux konjizzjoni tal-istqarrija u ma immotivatx id-decizjoni taghha. Jinghad bla tlaqliq li l-Qorti m'hiex obbligata li tiggustifika id-decizjoni taghha billi kif stqarret l-Avukat Generali taghmel referenza ghal xi disposizzjoni li jrendi tali stqarrijiet inammissibli. Dan ma hux rikjest mill-ligi ad valeditaem tas-sentenza.

Illi minn harsa tal-istqarrija rilaxxata nhar it-12 ta' Setttembru 2018 minn Ahmed Yassine (Dok RA2 a fol. 139 tal-atti) nhar it-12 ta' Settembru 2018 l-unika twissija li inghata qabel ma l-ufficcjal tal-Pulizija beda l-interrogatorji kien li "*m'intix obbligat li tirrispondi ghad-domandi li sejrin isirulek izda dak kolli li tghid ser jitnizzel bil-miktub u jista' jingieb bhala prova.*" Waqt li appena l-appellat beda jwiegeb ghad-domandi jirrizulta li l-ufficcjal investigattiv Spettur Roderick Attard staqsih "Naqblu li nghatajt id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat u li inti irrifjutajt dan id-dritt" u l-appelat wiegeb "Iva iva jekk jghogbok". Ili zgur li din m'hiex il-manjera kif kellha tinghata it-twissija lill-appellat dakinhar tat-12 ta' Settembru 2018.

Jinghad li bl-emendi li dahhlu fis-sehh ghal Kodici Kriminali permezz tal-Att li tal-2016 gie tramandat fil-legislazzjoni taghna dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew. Jinghad li illum il-gurnata is-suspettat ghandu dritt li jkun assisti b'avukat tul l-pre-trial kollu jigifieri f'kull hin waqt ir-ralxx tal-istqarrija tieghu. L-artikolu 355AUA jipprovdi li:-

> *355AUA. (1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollhad-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħallihateżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*
>
> *2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna*

*suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukatmill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jewminn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

Ghalhekk l-istqarrija ma gietx rilaxxjata skond il-ligi vigenti dak in-nhar tar-rilaxx taghha u ghalhekk stante li dan id-dritt ma inghatax lis-suspettat Ahmed Yassine ghamlet sewwa l-ewwel Qorti li skartat l-istqarrija tal-appellat Ahmed Yassine.

Pero dan ma ifissirx li din il-Qorti ghandha tiskarta provi ohra li resqet l-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward. **Christopher Meilaq**, Business Unit Manager jghid fix-xhieda tieghu nhar l-24 ta' Settembru 2018 li jghid li kien ircieva telefonata li kienu dahlulhom in-nies u li qabdu wiehed minnhom. Meta mar fuq il-post u cioe' nhar il-11 ta' Settembru, 2018 sab il- persuna ta Ahmed Yassine mizmuma minn zewg minn nies. Jghid li dak il-hin sab ukoll li kien hemm sitt kaxxi hdejn il-gate lesti biex iqabzuhom. Jghid ukoll li meta giet il-Pulizija fethet il-karozza ta' dan Yassine u go fiha sabu pupi u covers tal-plastic. **Mary Grace Curmi** ticcara dan il-fatt u tghid li hija kienet qed tiehu café fil-canteen tal-fabbrika MCL nhar il-11 ta' Settemrbu 2018 filghaxija u rat lill-akkuzat Yassine hiereg minn gol-fabbrika. Tghid li dak il-hin ghajtet ghaliex rat li ma kienx jahdem maghhom. Telabora aktar il-quddiem fix-xhieda taghha u tghid li ratu ukoll jigri mill-fabbrika bil-kaxxa (fol. 36). **Luke Satariano** ukoll jghid fix-xhieda tieghu li meta wasal fuq il-post gharaf lill-akkuzat Yassine bhala l-persuna li giet mizmuma mill-haddiema tieghu dakinhar tas-serqa u cioe' fil-11 ta' Settembru 2018.

Illi din ix-xhieda moghtija minn Meilaq, Curmi u Satariano fl-ebda hin ma giet kontestata mill-appellat Ahmed Yassine. Illi l-ewwel Qorti tghid ukoll fil-gudizzju taghha li ma giex pruvat l-quantum tas-serqa F'dan ir-rigward ghalkemm ma hemm l-ebda invoice esebita fl-atti u lanqas ma hawn xi nomina ta' espert biex jikwantifika

il-valur tal-oggetti li gew misruqa. Hemm ix-xhiea ta' Luke Satariano li jghid li is-serqa kienet tammota ghal madwar €500. Mhux talli hekk izda ta ukoll spjega ta' kif wasal ghal dan l-ammont. Din ix-xhieda ukoll ma gietx kontestata mill-appellat.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi l-akkuza ta' serq aggravat bil-valur, bil-hin. Ma jirrizultax l-manjera kif effettivament dahal fil-fond u ghalhekk l-aggravju tal-mezz ma jesistix u lanqas ma jirrizulta l-aggravju tal-lok u lanqas bl-aggravju tal-lok stante l-fabbrika ma hiex wahda mill-postijiet imsemmija fl-Artikolu 269 tal-kodici Kriminali.

Konsegwentement din il-Qorti sejra issib lill-appellat Ahmed Yassine hati tar-reat ta' serq aggravat bil-valur stante li l-valur huwa ta' madwar €500 u bil-hin stante li is-serqa saret filghaxija u ghalhekk wara inzul ix-xemx.

Dwar l-akkuza tar-recidiva il-Qorti rat li l-prosekuzzjoni esebiet is-sentenza mmarkata RA 2 a fol. 173 li fiha l-*particulars* tal-akkuzat Ahmed Yassine odjern fejn dakinhar kien instab hati ta' reat u gie ikkundannat jghamel sitt xhur prigunerija. Ghalhekk l-akkuza ta' recidiva tirrizulta ukoll.

Fir-rigward ta' Douglas Briffa jinghad li l-unika persuna li semmiegh in konnessjoni ma' allegat serqa li saret fid-9 ta' Settembru, 2018 kien **Luke Satariano** fix-xhieda tieghu ta' l-24 ta' Settembru 2018. Dan gharaf fl-awla l-persuna ta' Douglas Briffa kif muri fir-ritratt esebit fl-atti mmarkat bhala dok LS1. Illi Andrei Zerafa jikkonferma li kien hu li ghadda ir-ritratt lil Satariano u stqarr li kien inghata lilu minn certu Anantius Vella. Dan Vella ukoll ikkonferma li kien ghadda ir-ritratt li gibed hu lil Zerafa ghalkemm mistqosi jekk jgharafx il-persuna tar-ritratt jghid li le ghaliex jara hafna nies fl-impieg tieghu.

Illi f'dan ir-ritratt li gie mehud minn Anantius Vella juri l-persuna ta' Douglas Briffa igorr kaxxi fl-ekwata tal-fabbrika u dan gie identifikat minn Luke Satariano. Hawnhekk ukoll Briffa ghazel li ma ighati l-ebda spejga ta' dan ir-ritratt. Il-Qorti ukoll

kienet f'posizzjoni li tara li l-persuna li ghandha quddiemha hija l-istess persuna muri fir-ritratt. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet li l-proskuzzjoni naqset milli tressaq prova dwar l-identifikazzjoni tar-ritratt ghax din saret minn Luke Satariano. Pero jinghad minn din il-Qorti li l-prosekuzzjoni naqset li tipprova il-valur tas-serqa li sehhet allegatament nhar id-9 ta' Settembru 2018 u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib lil Briffa hati ta' serq u konsegwentement lanqas tal-akkuza ta' recidiva u talli kiser provediment tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma hemm xejn li jorbot lil Douglas Briffa mal-akkzua ta' serq li sehhet nhar il-11 ta' Settembru 2018.

Din il-Qorti ghalhekk qeda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-appellat Douglas Briffa u qeghda ghalhekk tikkonfermaha fejn illiberatu minn kull imputazzjoni ta' htija pero qeghda tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' Ahmed Yassine stante li din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi 49, 50 , 261 (c ) u (f) , 267, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tiddikjarah hati ta' serq agggravat bil-valur u bil-hin u li hu recidiv u tikkundannah tlett snin prigunerija effettiva in vista tal-fedina penali refrettarja tieghu

**Onor. Dr Conseulo Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**